**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 29 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 261/2007 AGV**

**AB**

**Vs**

**Dr. CB (ID nru: 43465 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Dr. CB datat 23 ta' Settembru, 2019 fejn espona bir-rispett ;

1. Illi din hija kawza ta' seperazzjoni personali bejn il-kontendenti mizzewwgin li ilha ghaddejja ormai ghal 12- il sena;
2. Illi fir-rikors mahluf, l-attrici talbet li fid-disa' talba taghha ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezisenti bejn il-partijiet, kif ukoll il-likwidazzjoni u qasma tal-istess;

3. Illi fir-risposta mahlufa tieghu, l-esponentim qabel mal-attrici li tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti, izda ma qabilx li tigi likwidata bil-mod kif l-attrici ssuggeriet fid-disa' talba taghha.
4. Illi fil-kontro talba tieghu, l-esponenti talab ukoll, fil-hames talba tieghu, x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u likwidazzjoni taghha;
5. Illi ghalhekk jirrizulta li filwaqt illi l-partijiet qed jimputaw it-tort tat-tifrik taz-zwieg lil xulxin, it-tnejn jitolbu il-kominazzjoni tal-artikolu 48 fil-konfront tal-parti l-ohra, **qeghdin jaqblu li efftivament il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi dikjarata xolta;**
6. Illi llum tnax-il sena wara l-prezentata ta' dil-kawza, ir-rejaltajiet familjari u tal-hajja tal-partijiet inbiddlu- it-tnejn li huma qed jghixu hajja gdida mas-shab taghom- l-attrici mas-sieheb taghha DE, u l-esponenti mas-siehba tieghu FG, u haqqhom it-tnejn jghixu hajja gdida b' mod shih ;
7. Illi ghalhekk ma jaghmel ebda sens illum li l-partijiet jibqghu marbutin bil-komnunjoni tal-akkwisti, ghalkemm il-kawza tas-separazzjoni ghadha ghaddejja;
8. Illi l-atrit li hemm bejn il-partijiet, ma ghandux ikun ta' ostaklu biex sakemm il-kawza tigi trattata u deciza, l-istess partijiet jistghu jipprocedu b' hajjithom , naturalment minghajr pregudizzju ghal dak pretiz minnhom fil-kawza;
9. Illi ghalhekk l-esponenti, huwa tal-umli fehma li huwa opportun li din l-Qorti, taghti sentenza in parte fejn tiddikjarata xolta l-komunjoni tal-akkkwisti, u tipprovdi il-likwidazzjoni effettiva ssir mal-ghoti tas-sentenza finali;
10. Illi dan huwa effetivament permess mil-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta. Is-sub inciz wiehed jipprovdi;

*Il-Qorti tista' f' kull zmien matul is-smieg tal-kawza ta' firda, fuq talba ta' wiehed jew l-ohra mil-mizzewwgin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-*

*akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li teisti bejn il-mizzewwgin*

11. Illi ghal kjarezza kif qalet sew dina l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet AB vs C sive DB.

*Appena huwa necessarju, jinghad lli l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti ma jinkludix kull likwidazzjoni jew divizjoni, tal-komunjoni tal-akkwisti;.*

12. Illi qabel ma tista tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti, a tenur tal-artikolu 55 (4) dina l-Onorabbli Qorti, trid tkun konfortata li bix-xoljiment tal-komujoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali dwar is-separazzjoni, ebda parti ma tkun pregudikata;
13. Illi l-attrici wriet tul il-process gudizzjarji l-preokkupazzjoni taghha dwar id-djun fuq il-komunjoi li nholqu minhabba attivita' professjonali tal-esponenti, meta dan kien ghadu jipprattika ta' Avukat- ix-xoljiment tal-komunjoni f' dan l-istadju jista jkun ta' beneficcju ghall-attrici stante li jtemm kwalunkwe riskju li l-attrici tinkorri xi responsabilita' ghal xi djun ulterjuri jew futuri li jistghu jirrizultaw ' l quddiem;
14. Illi fir-rigward ta' dak l-assi li hemm bejn il-partijiet, ix-xoljiment tal-komunjoni ma tistax tippregudika lill-attrici, specjalment jekk jigi deciz li l-likwidazzjoni effettiva tal-komunjoni ssir mas-sentenza, finali. Minghajr ma ssir il-likwidazzjoni effettiva, l-esponenti ma jistax jitrasferixxi assi formanti parti minn komunjoni, stante li xorta wahda tali assi jibqghu in kompropjeta' sa meta ssir il-likwidazzjoni effettiva, u xorta jekk l-attrici ghandha kwalunkwe biza' li jsir hekk, hija dejjem ghandha rimedju permezz tal-mandati kawtelatorji, u dan propju kif rriteniet dina l-Qorti, fis-sentenza hawn fuq citata;

15. Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument , u ghall-grazzja tal-argument biss, l-attrici tittenta targumeta li tista' tbati xi pregudizzju, jinghad illi mhux kull pregudizzju huwa bizzejjed biex iwaqqaf talba simili ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u dan kif ritenut f' sentenza ohra ta' dina l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta , fl-ismijiet AB vs CB:

*'Fi kwalunkwe kaz ezami tal-artikolu 55, juri illi mhux kull pregudizzju li tista' tivvanta xi parti b' opposizzjon ghal sentenza in parte ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bhala ostakolu ghall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub inciz 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat'.*

16. Illi l-esponenti ma jhossx li b' sentenza parzjali li xxolji l-komunjoni tal-akkwsiti, mid-data tas-sentenza parzjali, l-attrici tista' tkun b' xi mod pregudikat, izjed u izjed jekk il-likwidazzjoni effettiva ssir biss fis-sentenza finali. Fuq kollox, sentenza parzjali, f' das-sens ser jaghtiha l-opportunita', u l-istess jghodd ghall-esponenti, li tibda' hajja mil-gdid ekonomikament- imbaghad dak li jkun haqqha in virtu tas-separazzjoni minn mal-esponenti ser tiehdu xorta, fit-tajjeb jew il-hazin, mas-sentenza finali dwar is-seperazzjoni.

17. Illi l-esponenti ma jhossx li huwa ser ikun pregudikat jekk tinghata sentenza parzjali li xxolji l-komunjoni tal-akkwisti nonostante li huwa ghadu ma bediex iressaq il-provi tieghu fil-kawza, provi li ser jinkludu necessarjament l-estent tal-assi tal- attrici ghall-iskop tal-likwidazzjoni eventwali tal-komunjoni tal-akkwisti;

18. Illi **l-veru pregudizzju li qed isofri l-esponenti hija l-qaghda prezenti li jibqa vinkolat bil-komunjoni tal-akkwisti, stante li l-esponenti (u lanqas l-attrici) ma jista jkompli b' hajtu. Filwaqt li l-istess huwa**

**applikabbli ghal-attrici, hemm verita' ohra li jixhida l-process odjern-bil-mod li qed titmexxa l-kawza, ghandna fi stadju tal-provi attrici, wara ben12- il sena , u l-attrici ghaddejja b'** ***fishing expedition*** **minghaliha ser tiskopri xi tezor mohbi, minghalija f' xi film, u tghid li se tintavola atti , li tispicca ma tintavolahomx, u tkompli ittawwal il-process gudizzjarju- ma jidhirx li hemm xi tama ghal din il-kawza ser tispicca fil-futur qarib**, u kwazi kwazi l-esponenti jibda' jahseb li dan huwa l-veru tir tal-attrici;

Ghaldaqstant, l-espoenenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti, tghaddi biex taghti sentenza fir-rigward id-disa' talba attrici, u l-hames talba tal-kontro talba, billi tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti mid-data tas-sentenza, u bir-rizerva li l-likwidazzjoni effettiva tal-komunjoni tal-akkwisti, ssir mas-sentenza finali;
Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhirlha xieraq.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' AB ghar-rikors ta' CB datat 23 ta' Settembru 2019 fejn esponiet;**
Illi l-esponenti qed topponi ghat-talba mressqa mill-konvenut bis-sahha tal-imsemmi rikors biex dina l-Onroabbli Qorti taghddi is-sentenza fir-rigward tat-talbiet tal-kontendenti ghax-xoljment tal-komunjoni ghas-segwenti motivi;

1. Ill it-talba kif imposta ma hiex mahsuba fil-ligi. Il-waqfien tal-komunjoni ma tikkontemplax illi l-Qorti tilqa' xi talba ta' xi parti, izda hija rimedju indipendenti illi jista jigi invokat ukoll fl-assenza ta 'talbiet formali ta' xi parti jew ohra. Id-differenza bejn ir-rimedju offert mil-ligi u dak mitlub mill- konvenut huwa illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti mahsub fl-

artikolu 55 ta' Kodici Civili, huwa dejjem u skont l-istess artikolu appellabbli mill-partijiet minghajr htiega ta' permess mill-Qorti.

2. Illi l-fatti ta' dil-kawza huma bizzejjed maghrufa biex l-esponenti tisqarr, minghar il-htiega ta' wisq elaborazzjoni, illi jekk il-komunjoni tigi imwaqqfa, hija sejra tbati pregudizzju sporporzjonat. Jirrizulta li l-konvenut qieghed- flimkien mas-siehba tieghu u uliedhom - jghix hajja ta' lussu f' residenza lussuza, karozzi gholjin, skejjel mil-ahjar ecc. Skont il-konvenut, dan kollu qed jigi ffinanzjat b' self jew donazzjoni jew titolu iehor redikolu minghand omm is-siehba tieghu illi ftit qieghda fi grad li taghmel dawn il-generozatjiet. Il-pass li jmiss, f' dan il-process ta' *gas lighting gudizzjajru'*, ikun meta tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti, kif irid il-konvenut, u l-konvenut f' salt wiehed jakkwista gid kbir minn xi xoghol inezistenti ta' konsulenza li huwa jaghmel ghal xi kljenti intraccabbli.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-konvenut, permezz tar-rikors odjern, qed jitlob lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq id-disa' talba tar-rikors guramentat tal-attrici, u tal-hames kontro-talba tieghu. Illi dawn it-talbiet jittrattaw ix-xoljiment ossia l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, haga li tista' ssir biss mas-sentenza finali u fl-ebda stadju qabel. Ghalhekk, dak mitlub mill-konvenut fir-rikors tieghu huwa ghal kollox inammissibbli f'dan l-istadju.

Il-Qorti tista' tippresumi li t-talba kellha tkun imsejsa fuq l-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress illi r-rikors jaghmel riferenza ghalih fil-premess tal-istess rikors. Dan l-Artikolu jiddisponi dwar talba ghall-waqfien tal-komunjoni, u mhux ghax-xoljiment tieghu. Id-differenza mhix biss wahda akkademika. Gustament tali talba tista' ssir f'kull stadju waqt il-proceduri, u l-

Qorti tkun trid tara jekk tali ordni tistax tkun ta' pregudizzju mhux proporzjonat lill-parti jew l-ohra. Tali ordni tohloq stat ta' fatt gdid, fejn il-komunjoni tibqa' mhux likwidata, izda l-partijiet ma jkunux aktar marbuta ma' xulxin b'dan l-istitut mid-data tas-sentenza 'l quddiem. Ghalhekk, ghalkemm il-proprjeta' konsistenti fil-komunjoni tibqa' hekk mhux mittiefsa, il-partijit ikunu liberi li jakkwistaw proprjeta' f'isimhom minghajr ma' din tifforma parti mill-komunjoni ezistenti. Fir-rikors odjern, izda, il-konvenut qed jitlob esspressament li l-Qorti tittratta d-disa' talba tal-attrici u l-hames kontro-talba tieghu w xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, haga li f'dan l-istadju mhix ammissibbli.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Antonio G Vella**
**Imhallef**

**Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**